Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7474/22
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0085(COD)

CYBER 93
TELECOM 116
JAI 383
INST 89
INF 32
CSC 119
CSCI 39
DATAPROTECT 81
FIN 353
BUDGET 2
CODEC 349
IA 30

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 122 final - Annexes
Suġġett:	ANNESSI tal- Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 122 final - Annexes.

Mehmuż: COM(2022) 122 final - Annexes

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.3.2022
COM(2022) 122 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni

{SWD(2022) 67 final} - {SWD(2022) 68 final}

ANNESS I

Id-dominji li ġejjin għandhom jiġu indirizzati fil-linja bażi taċ-ċibersigurtà:

(1) il-politika dwar iċ-ċibersigurtà, inklużi l-objettivi u l-prijoritajiet għas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tas-servizzi ta' cloud computing (skont it-tifsira tal-Artikolu 4(19) tad-Direttiva [il-proposta NIS 2]) u l-arranġamenti tekniċi li jippermettu t-telexogħol;

(2) l-organizzazzjoni taċ-ċibersigurtà, inkluża d-definizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet;

(3) immaniġġjar ta' assi, inkluż l-inventarju tal-assi tal-IT u l-kartografija tan-network tal-IT;

(4) kontroll tal-aċċess;

(5) sigurtà operazzjonali tan-network;

(6) Sigurtà tal-komunikazzjoni;

(7) Akkwiżizzjoni, żvilupp u manutenzjoni tas-sistema;

(8) Relazzjonijiet mal-fornituri;

(9) immaniġġjar ta' inċidenti, inklużi approċċi biex jittejbu t-tħejjija, ir-rispons għall-inċidenti u l-irkupru minnhom u l-kooperazzjoni mas-CERT-UE, bħall-manutenzjoni tal-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni tas-sigurtà;

(10) ġestjoni tal-kontinwità tal-operat u ġestjoni ta' kriżijiet; u

(11) edukazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà, programmi ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ.

ANNESS II

L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni għandhom jindirizzaw mill-inqas il-miżuri speċifiċi taċ-ċibersigurtà li ġejjin fl-implimentazzjoni tax-xenarju bażi taċ-ċibersigurtà u fil-pjanijiet taċ-ċibersigurtà tagħhom, b'mod konformi mad-dokumenti ta' gwida u r-rakkomandazzjonijiet mill-IICB:

(1) passi konkreti biex nimxu lejn Arkitettura ta' Fiduċja Żero (jiġifieri mudell ta' sigurtà, sett ta' prinċipji tad-disinn tas-sistema, u strateġija kkoordinata taċ-ċibersigurtà u tal-ġestjoni tas-sistema bbażata fuq rikonoxximent li jeżisti t-theddid kemm ġewwa kif ukoll barra l-konfini tradizzjonali tan-network);

(2) l-adozzjoni tal-awtentikazzjoni b'diversi fatturi bħala norma fin-network u s-sistema ta' informazzjoni;

(3) l-istabbiliment ta' sigurtà tal-katina tal-provvista tas-software permezz ta' kriterji għall-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' software sigur;

(4) it-titjib tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku għall-faċilitazzjoni ta' livell komuni għoli ta' ċibersigurtà permezz:

   (a) tat-tneħħija tal-ostakli kuntrattwali li jillimitaw il-kondiviżjoni tal-informazzjoni mill-fornituri tas-servizzi tal-IT dwar inċidenti, vulnerabbiltajiet u theddid ċibernetiku mas-CERT-UE;

   (b) tal-obbligu kuntrattwali li jiġu rrappurtati inċidenti, vulnerabbiltajiet u theddid ċibernetiku kif ukoll li jkun hemm fis-seħħ rispons u monitoraġġ xierqa għall-inċidenti.